



2019/2082(DEC)

21.1.2020

OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL) għas-sena finanzjarja 2018
(2019/2082(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Roberta Metsola

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Itenni r-rwol tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi ("CEPOL" jew "l-Aġenzija") fl-għoti ta' informazzjoni lill-esperti tal-infurzar tal-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar l-aħħar żviluppi fil-qasam tal-infurzar tal-liġi u fl-iffaċilitar tal-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki;
2. Jilqa' l-fatt li l-Qorti tal-Awdituri ("il-Qorti") iddikjarat li t-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali tas-CEPOL għas-sena finanzjarja 2018 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha u li l-pożizzjoni finanzjarja tagħha sal-31 ta' Diċembru 2018 hija rappreżentata b'mod ġust; ifakkar li l-baġit tal-Aġenzija żdied minn EUR 9 għal EUR 10 miljun (+ 11 %) filwaqt li l-persunal tagħha naqas minn 53 għal 51 (- 4 %) meta mqabbel mal-2017; jiddeplora madankollu l-fatt li s-CEPOL kellha tirrifjuta bosta talbiet għal taħriġ, li kienu validi u leġittimi, minn Stati Membri f'oqsma kruċjali tal-infurzar tal-liġi minħabba restrizzjonijiet baġitarji; jinsab imħasseb li s-CEPOL bħalissa ma tistax tkopri b'mod suffiċjenti t-talba mill-Istati Membri fir-rigward tal-edukazzjoni u t-taħriġ għall-komunitajiet tal-infurzar tal-liġi fl-Unjoni u fil-viċinat tagħha;
3. Jinnota li f'Diċembru 2017 is-CEPOL nediet sejħa għall-offerti għal kuntratt qafas għal servizzi tal-ivvjaġġar b'volum tas-suq stmat ta' EUR 8,5 miljun fuq perjodu ta' 4 snin; jinnota li minkejja l-għoti tal-kuntratt lill-orħos offerent, li l-offerta tiegħu kienet tammonta għal 56 % tal-medja taż-żewġ kompetituri tiegħu, il-pagamenti mġarrba fl-2018 (EUR 2,06 miljun) kważi laħqu l-volum tas-suq stmat ta' EUR 2,13 miljun; jaqbel mal-fehma tal-Qorti li f'każijiet li fihom l-offerti tal-offerenti jkunu jidhru anormalment baxxi, l-Aġenzija għandha tanalizza r-raġunijiet sottostanti biex tiżgura l-istima tagħha tal-volum tas-suq hija korretta u li l-kuntratt jingħata lill-offerent li joffri l-aħjar proporzjon bejn il-prezz u l-kwalità;
4. Jinnota bi tħassib li s-CEPOL għadha għaddejja minn rata għolja ta' dawran tal-persunal u għadd limitat ta' applikazzjonijiet minn Stati Membri oħra; itenni t-tħassib tiegħu li dan jista' jkollu impatt fuq l-operazzjonijiet tal-Aġenzija; jinnota f'dan ir-rigward li r-Regolamenti tal-Persunal joffru l-flessibbiltà meħtieġa biex jiġu kkunsidrati l-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol li huma prevalenti fl-Unjoni fir-reklutaġġ ta' uffiċjali, dan sabiex jiġu indirizzati l-bżonnijiet speċifiċi tal-istituzzjonijiet; jistieden lis-CEPOL tiegħu miżuri biex itejjeb is-sitwazzjoni;
5. Jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu li s-CEPOL implimentat tnejn mis-sitt rakkomandazzjonijiet pendenti tal-Qorti, jiġifieri dawk dwar il-validazzjoni mill-ġdid tas-sistema kontabilistika u l-valutazzjoni komprensiva tal-impatt tal-Brexit;
6. Jiddispjaċih li għadhom għaddejjin azzjonijiet korrettivi rigward żewġ rakkomandazzjonijiet pendenti tal-Qorti, jiġifieri r-rata għolja ta' dawran tal-persunal u l-pubblikazzjoni ta' avviżi ta' postijiet battala fuq is-sit web tal-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal, għadhom għaddejjin u għalhekk jappella lill-Aġenzija biex

tieġu l-passi meħtieġa biex tiffinalizza dawn l-azzjonijiet korrettivi fiż-żmien dovut u biex tagħti segwitu minnufih lir-rakkomandazzjoni pendenti rigward l-akkwist elettroniku, jiġifieri l-introduzzjoni tal-preżentazzjoni elettronika.

7. Jisħaq fuq l-importanza li tiġi pprovduta data bbażata fuq il-ġeneri sabiex tkun tista' tiġi analizzata l-evoluzzjoni tal-bilanċ bejn il-ġeneri fi ħdan il-persunal tal-Aġenzija u l-korpi governattivi.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

| | |
|---|--|
| Data tal-adozzjoni | 13.1.2020 |
| Riżultat tal-votazzjoni finali | + : 48 - : 5 0 : 0 |
| Membri preżenti għall-votazzjoni finali | Konstantinos Arvanitis, Malik Azmani, Pietro Bartolo, Nicolas Bay, Vladimír Bilčík, Vasile Blaga, Saskia Bricmont, Damien Carême, Caterina Chinnici, Tudor Ciuhodaru, Clare Daly, Lena Düpont, Cornelia Ernst, Sylvie Guillaume, Evin Incir, Sophia in 't Veld, Patryk Jaki, Assita Kanko, Fabienne Keller, Alice Kuhnke, Jeroen Lenaers, Juan Fernando López Aguilar, Roberta Metsola, Javier Moreno Sánchez, Maite Pagazaurtundúa, Kostas Papadakis, Nicola Procaccini, Emil Radev, Paulo Rangel, Terry Reintke, Michal Šimečka, Birgit Sippel, Sylwia Spurek, Tineke Strik, Tom Vandendriessche, Bettina Vollath, Ann Widdecombe, Elena Yoncheva, Javier Zarzalejos |
| Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali | Damian Boeselager, Patrick Breyer, Delara Burkhardt, Lucia Āuriš Nicholsonová, Beata Kempa, Ondřej Kovařík, Kris Peeters, Robert Roos, Miguel Urbán Crespo, Loránt Vincze, Petar Vitanov, Maria Walsh, Tomáš Zdechovský |
| Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali | Lukas Mandl |

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

| 48 | + |
|-----------|--|
| ECR | Lucia Āuriš Nicholsonov, Patryk Jaki, Assita Kanko, Beata Kempa, Nicola Procaccini |
| GUE/NGL | Konstantinos Arvanitis, Clare Daly, Cornelia Ernst, Miguel Urbn Crespo |
| PPE | Vladimr Bilek, Vasile Blaga, Lena Dpont, Jeroen Lenaers, Lukas Mandl, Roberta Metsola, Kris Peeters, Emil Radev, Paulo Rangel, Lornt Vincze, Maria Walsh, Javier Zarzalejos, Tomš Zdechovsk |
| RENEW | Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Fabienne Keller, Ondej Kovaek, Maite Pagazaurtunda, Michal Šimeka |
| S&D | Pietro Bartolo, Delara Burkhardt, Caterina Chinnici, Tudor Ciuhodaru, Sylvie Guillaume, Evin Incir, Juan Fernando Lpeż Aguilar, Javier Moreno Snchez, Birgit Sippel, Sylwia Spurek, Petar Vitanov, Bettina Vollath, Elena Yoncheva |
| VERTS/ALE | Damian Boeselager, Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Damien Carme, Alice Kuhnke, Terry Reintke, Tineke Strik |

| 5 | - |
|-----|----------------------------------|
| ECR | Robert Roos |
| ID | Nicolas Bay, Tom Vandendriessche |
| NI | Kostas Papadakis, Ann Widdecombe |

| 0 | 0 |
|---|---|
| | |

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni